**25 ta' Jannar, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Lawrence sive Lorry Sant

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Sekwestru Ġudizzjarju**

*Fi kwalunkwe stadju tal-kawża l-Qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew "ex officio", tordna s-sekwestru ġudizzjarju. Dan huwa intiż biex iħalli l-oġġett li hemm fuqu l-kwistjoni fl-istat li jkun jinsab mingħajr ma jsiru l-ebda danni jew deterjoramenti da parti mill-waħda jew l-oħra mill-partijiet.*

Il-Qorti: – Rat it-talba magħmula mir-rikorrent verbalment fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 1990 li biha talab li din il-Qorti tordna l-esibizzjoni taħt l-awtorità tagħha ta' kull oriġinal u kopja ta' *"video films"*, negattivi ta' ritratti u ritratti prodotti biex jikkostitwixxu prova f'dawn l-atti u inoltre skond l-artikolu 851 tordna s-sekwestru ġudizzjarju ta' l-istess oġġetti u jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni, taħt l-artikolu 853 tal-Kap. 12 illi s-sekwestratarju jkun ir-Reġistratur ta' din il-Qorti jew l-Avukat Ġenerali;

Rat l-oppożizzjoni ta'' l-intimat għat-talbiet u dan peress għal dak li jirrigwarda s-sekwstru ġudizzjarju dan irid ikun in konnessjoni mal-ħtieġa li jiġi kawtelat kreditu kif imsemmi fl-artikolu 375 tal-Kap. 12 meta f'dan il-każ ma hemm ebda kwistjoni ta' xi ħlas ta' kreditu, u kwantu għat-talba l-oħra u ċjoè għall-esibizzjoni ta' l-oġġetti msemmija taħt l-awtorità tal-Qorti din ukoll għandha tiġi miċħuda billi f'dan l-istadju ma tirriżultax in-neċessità ta' tali produzzjoni għall-finijiet ta' l-aċċentament tal-fatti stante li għad m'hemmx kontestazzjoni dwar jekk fil-fatt ittiħdux ritratti jew *videos* u l-unika kontestazzjoni li hemm hi, li dak li sar mill-intimat sar skond il-liġi u għalhekk hu ma għandux jiġi pprivat preventivament minn oġġetti li hu qed jallega li saru u jew ittieħdu in konnessjoni ma' investigazzjonijiet kriminali regolarment kondotti;

L-intimat issottometta ukoll li t-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu għar-raġuni li, sakemm ma jkunx hemm pronunzjament f'sens differenti, l-oġġetti in kwistjoni huma provi li ma għandhomx b'xi mod jiġu intralċjati u dan apparti t-talba għall-assistenza magħmula mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni b'mod li l-istess oġġetti nġabru wkoll fuq talba ta' dik il-Kummissjoni u għalhekk huma regolati bl-artikolu 15 ta' l-Att XXII ta' l-1988;

Ikkunsidrat:

Dwar it-talba tar-rikorrent biex il-Qorti tordna s-sekwestru ġudizzjarju ta' kull oriġinal u kopja ta' *"video films"* negattivi ta' ritratti u ritratti prodotti, liema talba saret taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 851 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Dwar l-iskop tas-sekwestru ġudizzjarju l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq ir-rikors tal-Farmaċista Nicola Spiteri (ara Vol. XXXIII-I-572 u ġurisprudenza hemm ċitata) irriteniet li fi kwalunkwe stadju tal-kawża l-Qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew *"ex officio"*, tordna s-sekwestru ġudizzjarju, u kompliet tispjega, li dan il-provvediment hemm loku (a) meta jkun hemm kwistjoni fuq il-proprjetà ta' l-oġġett fil-kawża u (b) l-ġudikant ikollu biżà fondat li jekk l-oġġett jibqa' jintuża minn waħda mill-partijiet jista' eventwalment jiddanneġġa ruħu, billi s-sekwestru ġudizzjarju huwa intiż biex iħalli l-oġġett li hemm fuqu l-kwistjoni fl-istat li jkun jinsab mingħajr ma jsiru l-ebda danni jew deterjoramenti da parti mill-waħda jew l-oħra mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors promotur ta' l-istanza m'hu b'ebda mod ta' natura petitorja billi r-rikorrent mhux qed jaġixxi biex jikkonsegwixxi l-proprjetà tal-*"videos"* u r-ritratti in kwistjoni. Huwa minnu, li fost ir-rimedji mitluba mir-rikorrent, hemm dik biex il-filmati u fotografiji meħuda waqt is-*"search"* jiġu rritornati immedjatament lilu bħala parti mill-proprjetà tiegħu, iżda mhux għax ir-rikorrent qed jivvanta xi dritt ta' proprjetà fuq dawn l-oġġetti, iżda bħala rimedju fl-eventwalità li din il-Qorti kellha takkolji d-dikjarazzjoni minnu mitlub li l-aġir ta' l-intimat ikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-talba tar-rikorrent għas-sekwestru fuq l-oġġetti in kwistjoni mhiex legalment ammissibbli billi jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa, dak ta' pretensjoni mir-rikorrent li l-oġġett huwa proprjetà tiegħu, minbarra li, din il-Qorti, anke fl-eventwalità li kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent billi ssib li ġew leżi d-drittijiet fundamentali minnu invokati, tista' tordna jew tagħti xi rimedju ieħor, flok dak mitlub mir-rikorrent li l-filmati u fotografiji jiġu rritornati lilu, per eżempju, billi tordna d-distruzzjoni tagħhom;

Tista' ukoll bħala rimedju ieħor tordna lill-intimat li ma jagħmilx użu minnhom, dejjem fl-eventwalità li jiġi deċiż li l-intimat illeda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif minnu allegat;

Ikkunsidrat:

Dwar it-talba l-oħra tar-rikorrent biex din il-Qorti tordna

l-esibizzjoni taħt l-awtorità tagħha ta' kull oriġinal u kopja ta' *"video films"* negattivi ta' ritratti u ritratti prodotti biex jikkostitwixxu prova f'dawn l-atti, li biex jintlaħaq l-iskop mitlub, f'dan l-istadju, biex ma jkunx hemm preġudizzju la għal naħa u lanqas għal oħra, ir-rimedju idoneju huwa dak li jiġu esibiti kopji awtentiċi tal-*video films*, u fotografiji in kwistjoni. Dan jassigura li l-Qorti jkollha taħt l-awtorità tagħha kopji tal-materjal in kwistjoni biex fl-eventwalità li hija tagħti xi ordni dwarhom ikun jista' jiġi kkontrollat li l-ordni tkun qed tiġi osservata u fl-istess ħin ma jiġux intralċati indebitament l-investigazzjonijiet kriminali li qed isiru mill-intimat, li għandu d-dmir impost fuqu mil-liġi, bħala Kap tal-Pulizija Esekuttiva, li jikxef u jinvestiga r-reati, li jiġbor il-provi u li jġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja, (ara artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali, (Kap. 9) );

Għal dawn il-motivi, tipprovdi billi tiċħad it-talba għas-sekwestru ġudizzjarju u tilqa' t-talba l-oħra, limitatament però għall-eżibizzjoni ta' kopji awtentiċi tal-*video films* u fotografiji li ttieħdu fl-okkażjonijiet imsemmija fir-rikors promotur ta' din l-istanza, konsegwentement tordna lill-intimat biex fi żmien erbat (4) ijiem utili jeżibixxi taħt l-awtorità ta' din il-Qorti kopji awtentiċi tal-*video films* u fotografiji fuq riferiti, li jridu jkunu akkompanjati minn affidavits tant mill-persuni li ħadu l-oriġinali kif ukoll minn dawk li jagħmlu l-kopji, f'każ li ma jkunux l-istess nies, li jiddikjaraw li l-kopji eżibiti huma awtentiċi u kompleti.

Spejjeż riservati.